MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 132/2012

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija u tmenin (1980) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kien hemm tlett ulied, illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius fit-tletin (30) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom il-fuq minn tnax (12) –il sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut favur ulied ir-rikorrenti f'dan l-istadju stante li dawn huma maggorenni u l-ebda manteniment mhu dovut lill-intimata (Ara Dok B anness);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet:

Illi l-esponenti taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti, ossija illi din l-Onorabbli Qorti (i) tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u (ii) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dan peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ Settembru 1999;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi gie ippruvat ukoll illi ulied il-partijiet huma maggorenni u li ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------